

Brussell, 10 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

9650/22

CDR 65

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

---

1. Permezz tal-ittra tas-7 ta' Frar 2022, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandat li abbażi tiegħu s-Sur Tiit TERIK, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra.<sup>1</sup>
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.
3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Tiit TERIK, il-Gvern Estonjan ippropona<sup>2</sup> lis-Sur Jevgeni OSSINOVSKI, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Tallinna Linnavolikogu liige* (Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Tallinn), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

---

<sup>1</sup> 6139/22.

<sup>2</sup> 9613/22.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 9648/22 bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---